**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr Josette Demicoli LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Wadea Al Maghrbi**

Kump Nru: 62/2016

Illum 7 ta' Dicembru 2018

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Wadea Al Maghrbi** ta' 25 sena, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 144366A

Akkuzat talli nhar it-30 ta' Jannar 2016 ghall-habta tat-tmienja w nofs ta' filghodu (8.30a.m), gewwa Swieqi:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt ta' feriti gravi fuq il-persuna ta' Zouhir Elfezqa wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu;
2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkaguna offizi hfief fuq il-persuna ta' Zouhir Elfezqa kif iccertifikat minn Dr Satya Bras tac-Centru tas-Sahha, Floriana liema offiza jew offizi giet/gew maghmula b'arma regulari jew bi strument li jaqta' jew iniggez;
3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Zouhir Elfezqa

kontra l-volonta' tieghu, u fil-waqt tal-arrest, zamma jew issekwetra, Zouhir Elfezqa gie offiz fuq il-persuna jew mhedded bil-mewt;

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qed jaghmel reat kontra l-persuna kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew imitazzjoni taghha;
5. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;
6. U aktar talli b'hekk ghamel reat punibbli bi prigunerija waqt perjodu operattiv ta' conditional discharge moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) kif presjeduta mill-Magistrat Dr C. Peralta nhar id-29 ta' April 2015

Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

(a) fl-artikoli 41(1)(a), 214 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kpaitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) fl-artikoli 214 u 221(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) fl-artikoli 86 u 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) fl-artikoli 55(a), 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) fl-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
(g) fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-30 ta' Jannar 2016 ghall-habta tat-8.15a.m irrapporta gewwa l-Ghassa ta' San Giljan Mohammed Arara fejn dan qal li kienu dahlu xi persuni fil-flat taghhom b'sikkina u attakkaw lil siehbu. PS 1540 Edmond Fenech u PC 345 Mark Cremona marru flimkien ma' Mohamed Arara fuq il-post fejn fi triqithom gew infurmati b'telefonata mill-control room li gewwa Triq il-Keffa, Swieqi kien hemm ragel mitluq fl-art mimli demm. Hekk kif il-pulizija waslu fi Triq il-

Keffa, Swieqi Mohamed Arara rrimarka li hdejn il-persuna mitluqa fl-art kien hemm persuna ta’ nazjonalita’ Libjana ohra u sahaq li kien wiehed mill-persuni li dahal fid-dar taghhom. B’hekk dan il-persuna gie arrestat u saret tfittxija fuq il-persuna tieghu u nstabghet sikkina mdaqqsa. Mohamed Arara gharaf ukoll lil persuna li kienet mimlija kollha demm fl-art u sahaq li kien jismu Wadea li ttiehed l-isptar permezz ta’ ambulanza. Fejn instab Wadea Al Maghrbi kien hemm ammont kbir ta’ demm u ghalhekk inghalqet it-triq u gie nfurmat l-Ispettur Elton Taliana billi Wadea Al Maghrbi kien fil-periklu tal-mewt. PS 1340 tal-Iskwadra tar-Rapid Intervention Unit beda miexi mat-ticpis tad-demm sabiex jara minn fejn seta’ beda dan l-argument u fil-fatt gie nnutat li d-demm kien jibda minn gewwa l-appartament Nadia Buildings, Flat 1, Triq is-Sidra, Swieqi fejn joqghod l-istess Mohamed Arara. Dan tal-ahhar spjega li mieghu kien ighix ukoll Zouhir Elfezqa. Il-Pulizija ppruvat taghmel kuntatt ma’ Zouhir Elfezqa izda dan ma kellux mowbajl fuqu. Wara ftit minuti, Zouhir Elfezqa cempel lil Mohamed Arara u qallu li kien qieghed ghand habib taghhom fi Triq il-Molletta, Swieqi. B’hekk il-pulizija marru f’dan l-indirizz u sabu lil Zouhir Elfezqa li kien ukoll midrub. B’hekk l-erba’ persuni msemmija gew kollha mizmuma mill-pulizija ghall-aktar investigazzjonijiet[1]. L-Ispettur Taliana cempel lill-Magistrat tal-Ghassa li ordnat li tinfetah Inkjesta Magisterjali.

Mill-atti processwali jirrizulta li Zouhir Elfezqa kien ighix fl-appartament Flt 1, Triq is-Sidra, Swieqi flimkien ma’ habib tieghu certu Mohamed Arara. Fit-30 ta’ Jannar 2016 filghodu l-istess Zouhir Elfezqa kien ghadu fl-appartament fejn ighix meta Wadea Al Mahgrbi u siehbu Mohammed Abdul Hafid Abukem marru jhabbtu fl-istess appartament u zewg persuni ossija l-imputat u l-istess Zouhir Elfezqa sfaw midruba.

**Mohamed Arara**[2] xehed li fit-30 ta’ Jannar 2016 huwa u siehbu Zouhir Elfezqa kienu reqdin fl-appartament fi Triq is-sidra, Blokk Nadia, Flat 1. Ix-xhud kien rieqed fil-living room u l-imputat kien rieqed fil-kamra tas-sodda tieghu. Mohamed Abdul Hafid Abukem u Wadea Al Maghrbi habtu l-bieb. Ix-xhud ighid li fetah il-bieb u dawn ma kelmuhx. Baqghu dehlin direttament fuq is-sodda tal-imputat fejn kien rieqed u bdew jiggieldu mieghu.

**L-Ispettur James Grech**[3] xehed kif il-pulizija gew mgharrfa b’dak li gara. Huwa flimkien mal-Ispettur Elton Taliana kellmu lil dawk kollha involuti hlief lil Wadea Al Maghrbi billi kien qieghed jigi operat. Huwa tkellem l-ewwel ma’

[1] Xhieda tal-Ispetturi James Grech u Elton Taliana fis-seduta tas-17 ta’ Frar 2016; u ta’ Pc 345 Mark Cremona, Pc 173 Jonathan Agius li kien il-kuntistabbli li wara li ghamel tfittxija fuq Mohamed Abdul Hafid Abukem sablu sikkina mal-pexxun isfel fiz-zarbun. Din giet elevata u mghoddija lill-Pulizija tad-distrett. Ps 1349 Ranier Agius fix-xhieda tieghu wkoll kkonferma l-istess avvenimenti. Dawn tal-ahhar xehdu fis-seduta tat-23 ta’ Frar 2016

[2] Seduta tal-15 ta’ Marzu 2018

[3] Seduta tas-17 ta’ Frar 2016

Mohamed Arara li kien xhud okulari. Huwa qallu li kien rieqed fil-flat fuq sodda fis-salott filwaqt li l-imputat kien raqad fil-kamra tieghu. Ghall-habta tat-tmienja ta' filghodu habbat il-bieb u huwa fetah u sab lil Mohamed Abdul Hafid Abukem u Wadea Al Maghrbi li kienu armati b'pajp u b'sikkina. Lilu ma kellmuhx u baqghu dehlin gewwa. L-imputat ta daqqa ta' pajp lil Zouhir Elfezqa go rasu li kien ghadu rieqed, kaxkru minn hwejgu ghal gos-salott fejn hemmhekk kompla jhebb ghalih flimkien ma' Mohamed Abdul Hafid Abukem. Kif ra dan kollu Mohamed Arara beza' u telaq jigri biex imur l-Ghassa ta' San Giljan. Irrizulta li l-erba' persuni nvoluti kienu jafu lil xulxin minn qabel u kienu hbieb u ghal dak li gara Arara ma kellux spjegazzjoni hlief li zied ighid li kif dahlu gor-residenza xammhom riha t'alkohol qawwija. Dawn l-erba' persuni rrilaxxjaw stqarrija taghhom.

**Dr Mario Scerri** ipprezenta r-rapport tieghu[4] li minnu jirrizulta li l-espert nominat fl-inkjesta ezamina kemm lil Wadea Al Maghrbi kif ukoll lil Zouhir Elfezqa. Inkwantu ghal Wadea Al Maghrbi l-espert ikkonkluda li *"Il-lezjoni deskritta fuq l-aspett laterali tal-parti tan-nofs (middle one-third) tar-rigel tax-xellug ta' Wadea Al Maghrbi kienet lezjoni maghmula minn strument li jaqta' u bil-ponta u peress illi din il-lezjoni kienet aktar fonda milli wiesgha din tigi klassifikata bhala stab wound. Din il-lezjoni kkagunat incizjoni fil-muskolu u transaction tal-profunda femoris li hija kondizzjoni gravi tant illi Wadea Al Maghrbi seta' tilef hafna demm bil-konsegwenza li dan seta' jmut"*[5]. Dr Scerri ezamina lil Wadea Al Maghrbi fil-5 ta' Jannar 2017 u huwa pprezenta r-rapport tieghu fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2017. Huwa kkonkluda li l-intervent kirurgiku rnexxa kompletament u l-hsara li saret ma kienx hemm konsegwenzi ghaliha la fl-ghamla u lanqas fil-funzjoni. Wadea Al Magrhbi jsostni li jkollu ugigh izda din jista' jkun li hija fibrosis u hemm cans li mhiex permanenti.

Inkwantu ghal Zouhir Elfezqa, il-lacerazzjoni deskritta fuq il-geddum kienet kompatibbli ma' blunt trauma. It-tlett abrazzjonijiet fuq ir-rigel tal-lemin kienu abrazjonijiet maghmula minn strument bil-ponta u huma ta' natura hafifa. Dik fuq il-geddum tista' tibqa' bhala marka permanenti fil-wicc.

Illi inkwantu ghas-sikkina ezebita, saru l-ezamijiet fuqha ghall-impronti digitali mill-espert Joseph Mallia li fir-rapport tieghu jirrizulta li dawn l-impronti huma neqsin mill-punti karatteristici li jwasslu ghall-komparazzjoni u identifikazzjoni u ghalhekk mhumiex tajbin ai fini ta' ezamijiet komparattivi ulterjuri.

**Zouhir Elfezqa** xehed[6] li waqt li kien qieghed rieqed fil-kamra tieghu (li fiha joqghod wahdu), Mohamed Arara kien rieqed fuq is-sufan fil-kamra ta' barra. Habbat xi hadd u f'daqqa wahda wiehed ossija Wadea tah daqqa ta' hadida fuq rasu u qabdu mill-flokk, gibdu ghan-nofs tad-dar fejn hemm is-sufan. Wadea

[44] Dok MS fis-seduta tat-23 ta' Frar 2016
[5] Xehed ukoll il-Kirurgu Kevin Cassar li opera lil Wadea Al Magrbi fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2016
[6] Seduta tat-18 ta' Lulju 2016

beda jghidlu li huma kienu qabdu lil huh fil-Libya u li huwa kien parti min-nies li kienu qed jikkawzaw il-problemi. Ix-xhud qal li ma jafx ghalfejn Wadea beda jghidlu hekk. L-imputat qal li ma kien hemm l-ebda divergenzi ma' hu Wadea jew xi hadd mill-familja tieghu. Imbaghad Wadea tah daqqa bil-hadida fuq geddumu. Imbaghad hareg is-sikkina u bdew jissieltu u l-imputat jixhed li huwa kien qieghed jipprova jiddefendi lilu nnifsu. Waqghu fuq xulxin u meta ra d-demm imbotta lill-iehor. Mohamed Arara hareg. Apparti Wadea Al Maghrbi kien hemm ukoll Mohamed Abdul Hafid Abukem li kien qieghed jigi mizmum minn Mohamed Arara. Huwa wkoll beda jsemmi lil xi kuginuh. Huwa qal li kien hemm zewgt iskieken involuti. Huwa qal ukoll li kien ovvju li Wadea u Mohamed Abukem kienu fis-sakra. Huwa qal li qatt ma kellu problem maghhom u kienu hbieb qabel dan l-incident. In kontro-ezami huwa spjega li waqt li kien qieghed jissielet ma' Wadea waqghu fuq xulxin. Is-sikkina kienet f'idejn Wadea. L-imputat ukoll hareg jigri u mar ghand habib tieghu.

Fix-xhieda tieghu **Mohamed Abdul Hafid Abukem**[7] xehed li dakinhar tal-incident huwa u Wadea Al Maghrbi kienu f'post qeghdin jiehdu gost u huma u sejrin lura x-xhud ried jixtri pakkett sigaretti. Wadea mexa ftit 'il quddiem. Meta wasal fejn Wadea xi hadd mill-gallarija, imma huwa ma rax ezatt min, jew Zouhir Elfezqa jew Mohamed Arara mir-residenza taghhom jitkellmu ma' Wadea. Meta waslu fejn il-bieb ta' barra tar-residenza tal-imputat Zouhir u Wadea qabdu lil xulxin u bdew jiggieldu. Qal li ma jiftakarx aktar.

**Wadea Al Maghrbi** fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2018 iddikjara li huwa ma kienx se jixhed.

**Ikkunsidrat**

Illi f'dawn il-proceduri giet ezebita l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat. Minn tali stqarrija jirrizulta li l-imputat kien inghata d-dritt li jikkonsulta ma' avukat tal-ghazla tieghu qabel l-interrogatorju u huwa ezercita dan id-dritt. Biss pero', anki ghaliex f'dak iz-zmien fil-ligi ma kienx jezisti d-dritt li imputat seta' jaghzel li jkollu avukat tal-ghazla tieghu waqt l-interrogatorju, l-imputat ma kellux avukat waqt li kienet qeghda tittiehed l-istqarrija tieghu.

Ghalhekk f'dan l-istadju jehtieg li jigi rilevat li inkwantu ghall-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, din il-Qorti tqis li ghandha tigi skartata u dan peress li l-imputat ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju. Dan abbazi ta' dak deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018; kif ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** deciza fl-20 ta' Novembru 2018.

[7] Seduta tal-15 ta' Marzu 2018

**Ikkunsidrat**

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat gie akkuzat b'attentat ta' ferita gravi. Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sandro (Alexander) Chetcuti**[8] fejn inghad:

*"Jinghad qabel xejn illi sabiex jissusti ir-reat tal-offiza volontarja, hi mehtieg l-intenzjoni generika li wiehed jaghmel hsara. "Jekk l-intenzjoni tal-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta'l-ghemil tieghu." (ara sentenza Il-Pulizija vs Emanuel Zammit deciza Appelli Kriminali 30/03/1998).*

*Il-Qorti tosserva madanakollu illi peress illi f'dana it-tip ta' reat, kif gie sottolinjat huwa bizzejjed illi l-intenzjoni tkun wahda generika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Dwar dana jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn ighid: "the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible." (Notes on Criminal Law), izda imbaghad izid "Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply **in dubbio pro reo**."*

Illi ukoll f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika vs Domenic Briffa deciza fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti iccitat lill-awtur Francesco Antolisei fit-tul:

[8] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fit-18 ta' Settembru 2013

*"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:*
*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

*U ikkonkludiet: "**Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravísima fit-tieni lok**."*

Illi kif diga' inghad fil-kaz ta' offiza volontarja, l-intenzjoni generika sabiex wiehed jaghmel hsara hija bizzejjed izda fil-kaz tat-tentattiv tar-reat tal-offiza gravi jew gravíssima l-prosekuzzjoni jenhtiegilha tipprova lil hinn minn kull dubbju illi l-persuna akkuzata kellha l-intenzjoni specifika illi tikkaguna hsara gravi fuq il-vittma.

Fil-fehma tal-Qorti l-prosekuzzjoni rnexxielha tilhaq il-grad rikjest mil-ligi sabiex tali imputazzjoni giet ippruvata. Irrizulta bl-aktar mod car li l-imputat mar ihabbat fir-residenza fejn kien rieqed Zouhir Elfezqa b'tubu iebes f'idejh u b'mus fejn ma kienx wahdu izda gie akkumpanjat minn siehbu. Huwa evidenti li l-intenzjoni tal-imputat li jikkaguna hsara gravi lill-istess parte leza kemm ghall-fatt li mar armat u anki ghaliex ma kien sehh l-ebda argument li kien ippreceda tali aggressjoni.

## It-Tieni Imputazzjoni

Din l-imputazzjoni giet ukoll ippruvata u dan mill-provi li saret referenza ghalihom aktar il-fuq. Din il-Qorti minghajr ebda dubju tqis li l-versjoni moghtija mill-parte leza hija dik l-aktar kredibbli kemm ghax korroborota minn xhud okulari, Mohamed Arara, kif ukoll ghaliex hija sostnuta mill-provi bhar-rapport tas-Scene of Crime Officers u mill-griehi sofferti mill-istess parte leza. Infatti rrizulta mill-provi li Wadea Al Maghrbi mar flimkien ma' Mohamed Abdul Hafid Abukem sabiex jagredixxu lil Zouhir Elfezqa fid-dar fejn kien ighix. Huwa gie aggredit mill-imputat waqt li kien ghadu fis-sodda u tkaxkar mill-istess u l-imputat baqa' jagredih. Irrizulta wkoll mir-rapport u mix-xhieda ta' Dr Mario Scerri li Zouhir Elfezqa sofra griehi b'kawza ta' strument li jaqta' u bil-ponta (u rrizulta li l-imputat kellu mus) u kellu griehi ohra li jirrizulta li gew ikkawzati mill-imputat kif fuq indikat.

## It-Tielet Imputazzjoni

Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali l-artikoli indikati huma l-artikoli 86 u 87(1)(c) tal-Kodici Kriminali. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Dominic Bonnici**[9] intqal:

[9] Qorti Kriminali deciza fil-5 ta' Jannar 2004

*"L-artikolu 86 tal-Kodici Kriminali umbaghad jghid li jkun hati tar-reat ta' sekwestru ta' persuna : "kull min, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti , u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, jarresta, izomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volonta' taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata…"*

*Illi l-**Professur Sir Anthony Mamo** (Notes on Criminal Law [1953 edit.] [Part. II p. 40] ) meta ikun qed jittratta l-element materjali tar-reat in kwistjoni jghid :-*

*"the words "arrest" "detention" and "confinement" are not synonymous : each indicates a special manner in which an attempt can be made on personal liberty : "Il reato preveduto nell'articolo 169 (our Section 86) esiste sia quando alcuno si fermi nel mentre che agisce o camina ; sia quando si faccia rimanere suo malgrado in quell luogo ove si trova ; si quando finalmente si trasporti da un luogo ad un altro." (ROBERTI – ibid , para 323) …Thus a person may be arrested without being incarcerated or confined in any place ; **or may be detained in his own house without having been previously arrested."***

Mill-provi prodotti tali imputazzjoni jirrizulta li giet ampjament ippruvata ghaliex Zouhir Efezqa letteralment inhataf minn fuq is-sodda tieghu sabiex l-aggressjoni fuqu titkompla f'kamra ohra u certament ma kellux il-liberta' li johrog minn daru meta ried huwa u rrizulta wkoll li huwa ndarab.

**<u>Ir-Raba' Imputazzjoni</u>**

Illi inkwantu ghal din l-imputazzjoni jirrizulta li l-imputat kellu fuqu tubu iebes u sikkina. Ghalhekk se ssir referenza ghall-artikoli relevanti ossija l-artikolu 55 tal-Kapitolu 480 u l-artikolu 64 tal-Kodici Kriminali.

**55.** *Salv kull disposizzjoni oħra fil-Kodiċi Kriminali kif tapplika għaż-żamma, ġarr, użu, akkwist jew pussess ta' armi tan-nar, kull min -*

*(a) fil-waqt li jkun qed jagħmel reat kontra s-sigurtà tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omiċidju involontarju jew offiża involontarja fuq il-persuna)*

*jew ta' serq jew ħsara fil-proprjetà (minbarra ħsara involontarja fil-proprjetà); jew*
*(b) fil-waqt li jkun qed jiġi arrestat għal delitt, ikollu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti, ikun ħati ta' reat u jista', meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn erba' snin, kemm-il darba ma jgibx prova xort'oħra li kien qed iġorr l-arma tan-nar jew l-arma regolari bi skop leġittimu.*

L-istess Kapitolu 480 jistipula li *"armi regolari" għandu jkollha l-istess tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 64 tal-Kodiċi Kriminali u għandha tinkludi arma tan-nar kif imfissra f'dan l-artikolu.*

***64.*** *(1) Huma armi regulari l-armi kollha tan-nar, u l-armi, strumenti u l-għodod l-oħra kollha li għandhom bħala skop prinċipali d-difiża ta' wieħed innifsu jew l-offiża ta' ħaddieħor.*

*(2) L-armi, strumenti u għodod oħra kollha ma jitqisux bħala armi, ħlief meta fil-fatt jiġu wżati għall-offiża jew għad-difiża, u f'dan il-każ jissejħu armi irregulari.*

Fid-dawl ta' dawn l-artikoli l-Qorti tqis li tali imputazzjoni tirrizulta li giet ukoll ippruvata.

**<u>Il-Hames Imputazzjoni</u>**

Illi gie ppruvat li l-imputat mar fir-residenza ta' Zouhir Elezqa u kellu fil-pussess tieghu sikkina.

**Ps 887 Stefan Mercieca** xehed[10] li l-imputat m'ghandux xi forma tal-licenzja tal-armi registrata mal-pulizija.

Ghalhekk tali imputazzjoni giet ukoll ippruvata.

**<u>Is-Sitt Imputazzjoni</u>**

[10] Seduta tas-17 ta' Mejju 2016

Illi l-prosekuzzjoni pprezentat vera kopja tas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Wadea Al Maghrbi** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-29 ta' April 2015. L-Ispettur Caroline Fabri ikkonfermat l-identita' tal-imputat[11]. Permezz ta' din is-sentenza l-imputat kien inghata l-liberta' kundizzjonata ghal zmien sentejn. Ghaldaqstant billi l-imputat qieghed jinstab hati ta' diversi reati tqis li din l-imputazzjoni giet ippruvata u li l-Qorti ghandha titratta mal-imputat.

Permezz ta' din is-sentenza jirrizulta li l-imputat kien ammetta ghal diversi reati senjatament li kkaguna natura hafifa, li waqt glieda accidentali ha parti attiva meta wettaq griehi hfief fuq l-istess persuna, li qajjem rewwixta jew glieda, li kellu fil-pussess tieghu arma minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija u li kiser il-paci pubblika. Fis-sentenza m'hemmx specifikat x'kienu l-fattispecie tal-kaz. Wara li rat l-artikoli relevanti tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghal xahar prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' €116.47.

## Piena

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat. Tqis li l-piena l-aktar idonea hija dik ta' prigunerija effettiva.

## Decide

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 214, 218(1)(a)(b)(2), 221(1)(2), 86 u 87(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 6, 51(7), 55(a), 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u inkwantu ghall-ewwel hames imputazzjonijiet tikkundannah ghal ghoxrin (20) xahar prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' €116.47.

Inkwantu ghas-sitt imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, il-Qorti wara li rat l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u regghet rat l-artikoli 221, 237(d), 238(b) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda titratta ma' Wadea Al Maghrbi ghar-reati li taghhom instab hati fid-29 ta' April

[11] Seduta tal-1 ta' Gunju 2016

2015 daqs li  kieku ghadu kemm gie dikjarat hati u filwaqt li tikkonferma is-sejbien ta' htija kif jirrizulta minn dik l-imsemmija sentenza, tikkundannah ghal xahar prigunerija u hlas ghal multa ta'  €116.47

Inoltre' b'applikazzjoni tal-artikoli 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' €4,725.78 rapprezentanti hlas ta' spejjez relatati mal-hatra ta' esperti[12].

Inoltre' a tenur tal-artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-konfiska tas-sikkina prezentata in atti.

In oltre a tenur tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-hrug ta' ordni ta' trazzin fil-konfront tal-hati li permezz tieghu taghti effett ghall kull ma hemm fis-subinciz (3) tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaf-favur ta' Zouhir Elfezqa ghal zmien tlett (3) snin liema terminu jibda jiddekorri minn meta l-hati jiskonta s-sentenza.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**

[12] €281.20 tal-espert Dr Mario Scerri; €484.68 tas-SOCO PC 1525 Patrick Farrugia; €337.38 tas-SOCO PC 1362; €10,966.92 tal-espert Dr Marisa Cassar; €483.70 tal-espert Perit Richard Aquilina; €362.26 tal-espert Dr Stephen Farrugia Sacco; €381.61 tal-espert Joseph Mallia; u €849.60 tal-espert Dr Marisa Cassar. L-imputat qieghed jigi kkundannat biss ghal terz tal-ispejjez ta' whud mill-esperti nominati billi dan il-kaz kien qieghed jinstema' kontestwalment ma' zewg kazijiet ohra u gew nominati l-istess esperti.